# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta’ nhar it-Tnejn, 23 ta’ Ġunju, 2025.**

**Numru 49**

**Rikors numru 198/2024/1**

**Bin Han u Jia Liu**

**v.**

**L-Avukat tal-Istat u L-Avukat Ġenerali**

**Il-Qorti:**

1. L-atturi appellaw mis-sentenza li tat il-Qorti Ċivili, Prim’Awla fit-18 ta’ Frar 2025 u li biha laqgħet it-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti li l-atturi naqsu milli jeżawrixxu r-rimedji ordinarji, u għalhekk irrifjutat li teżerċita s-setgħat tagħha taħt l-Art. 4 tal-Kostituzzjoni u l-Art. 4 tal-Kap. 319. L-ilment tal-atturi hu b’referenza għall-ksur tal-jedd fundamentali protett taħt

l-Art. 39(9) tal-Kostituzzjoni u l-Art. 4 tal-Protokoll 7 tal-Konvenzjoni Ewropea (*ne bis in idem*).

2. Il-fatti tal-kawża huma spjegati f'paġna 9 sa 20 tas-sentenza appellata. Jirriżulta li:

i. Fis-7 ta' Ottubru 2015 l-atturi tressqu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) (każ 658/1014) u ġew akkużati li bħala diretturi tal-kumpanija Leisure Clothing Limited, fit-3 ta' Novembru 2014: *"you have failed to answer or answered falsely or caused any other person not to answer or to answer falsely to any question which an inspector is authorized to ask under Chapter 452 of the Laws of Malta; or you have failed to produce any books, registers or other documents that according to this Act, you were required by an inspector to produce"*.

ii. Fid-29 ta' Settembru 2016 l-atturi ammettew l-imputazzjoni u l-Qorti imponiet multa ta' €250 fuq kull wieħed minnhom. L-atturi ħallsu l-multa.

iii. Fid-19 ta' Novembru 2014, l-istess persuni kienu ġew akkużati li wettqu diversi reati fid-29 ta' Ottubru 2014 u s-snin ta' qabel, *inter alia* traffikar ta' diversi persuni, approprjazzjoni indebita għad-detriment ta' terzi, nuqqas ta' ħlas ta' pagi u benefiċċji oħra ta' impjegati li ssemmew

fl-akkuża, u dan f'eluf ta' ewro. Kienu wkoll akkużati bl-istess reat li jissemma fil-kawża EP658/2014 deċiż fid-29 ta' Settembru 2016 fuq ammissjoin tal-atturi.

iv. Fil-21 ta' Marzu 2022 il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tat is-sentenza. L-attur Jia Liu ġie liberat filwaqt li l-attur l-ieħor ġie liberat tal-ewwel akkuża u instab ħati tal-akkużi l-oħra u l-Qorti ikkundannatu għal sentejn priġunerija sospiża għal erba' snin. Il-kumpanija li kienet ukoll akkużata, ġiet ikkundannata tħallas multa ta' €200,000.

v. L-attur Bin Han u l-Avukat Ġenerali appellaw mis-sentenza. B'sentenza tas-6 ta' Jannar 2023 l-Ewwel Qorti ċaħdet l-appell ta' Bin Han. Fl-istess waqt varjat is-sentenza appellata u sabet lill-akkużati ħatja tal-akkużi kollha u ikkundannathom għall-piena ta' sitt snin ħabs kull wieħed. Jirriżulta li kemm quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta), ħadd mill-atturi ma ta l-eċċezzjoni ta' *ne bis in idem*. Fl-appell l-attur Bin Han ma tax l-eċċezzjoni ta' *ne bis in idem*.

vi. Fid-19 ta' April, 2024 l-atturi fetħu din il-kawża, fejn qegħdin jilmentaw li ġew iġġudikati darbtejn fuq l-istess reati.

3. Fil-kawża l-atturi talbu lill-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara illi seħħ ksur tal-jedd fundamentali protett bl-Art. 4 tal-Protokoll 7 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Art. 39(9) tal-Kostituzzjoni;

2. Tħassar is-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-6 ta' Jannar 2023 u tordna li l-atturi ma jibqgħux arrestati.

4. L-atturi ibbażaw il-kawża fuq il-premessa li fil-kawża EP658/14 deċiża fid-29 ta' Settembru 2016, kienet ibbażata kompletament fuq l-istess fatti, l-istess akkużati f'isimhom proprju, u l-istess akkuża għal waħda mill-akkużi fil-każ l-ieħor deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-6 ta' Jannar, 2023.

5. Il-konvenuti *inter alia* wieġbu li l-atturi naqsu milli jeżawrixxu r-rimedji ordinarji, għaliex setgħu jqajmu l-eċċezzjoni ta' *ne bis in idem* u ma tawhiex.

6. L-Ewwel Qorti laqgħet dik l-eċċezzjoni. Fis-sentenza tagħha l-Ewwel Qorti *inter alia* irraġunat hekk:

> ***"Konsiderazzjonijiet finali***
>
> *47. Ikkunsidrat dak kollu hawn fuq espost, kemm bħala fatti tal-każ, kif ukoll bħala ġurisprudenza tal-Qrati nostrani tagħna, il-Qorti tgħaddi biex tagħmel l-osservazzjonijiet finali tagħha.*
>
> *48. Jidher ċar, l-ewwel u qabel kollox, illi fid-29 ta' Settembru 2016, ir-rikorrenti, wara li tressqu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati mill-Pulizija Eżekuttiva (658/2014), ammettew illi, fit-3 ta' Novembru 2014, kienu*

*naqsu milli jressqu dokumentazzjoni kif ukoll risposti lill-Awtoritajiet illi kienu talbuhom tali informazzjoni.*

*49. Jidher ċar ukoll illi, meta tressqu fid-19 ta' Novembru 2014 b'varji akkużi gravi inkluż ta' traffikar ta' persuni, misappropriazzjoni u nuqqas ta' ħlas ta' pagi lill-għaxar persuni differenti ta' nazzjonalita' Vietnamiżi u Ċiniżi, huma ġew akkużati wkoll illi naqsu milli jressqu dokumentazzjoni mitluba lilhom, u dana fit-3 ta' Novembru 2014.*

*50. Jirriżulta illi, permezz tal-proċeduri odjerni, ir-rikorrenti qed jittentaw iħassru d-deċiżjoni finali, meħuda kontra tagħhom fis-6 ta' Jannar 2023, fejn ġew ikkundannati sitt snin ħabs, taħt il-pretest illi huma ġew akkużati darbtejn fuq l-akkuża illi ġġib id-data tat-3 ta' Novembru 2014.*

*51. Jirriżulta, madanakollu, illi, għalkemm konxji ta' tali fatt sa mid-29 ta' Settembru 2016, l-ewwel darba illi r-rikorrenti ħassew li kellhom jqajjmu tali ilment kif fit 19 ta' april 2024, meta huma intavolaw il-proċeduri odjerni, wara illi kienu intbgħatu għal sitt snin il-ħabs.*

*52. Jirriżulta ċar illi, **fl-ebda stadju tal-proċeduri** bin-numru 1128/2014 li wasslet għad-deċiżjoni finali ta' sitt snin priġunerija fis-6 ta' Jannar 2023, huma ma qajjmu ilment dwar tali fatt, kemm lill-Qorti tal-Maġistrati kif ukoll lill-Qorti tal-Appell Kriminali.*

*53. Jirriżulta ċar, għalhekk, illi r-rikorrenti xjentement għażlu illi ma jqajjmux tali ilment fi stadju illi fih kienu qed jiġu ġġudikati, meta kellhom kull dritt illi jagħmlu dan, w qajjmuha biss issa, wara illi s-sentenza finali kontra tagħhom ingħatat u qed jiskontaw piena ta' sitt snin ħabs.*

*54. Din il-Qorti tosserva wkoll illi, meta wieħed iqis in-natura tal-akkuża illi dwarha huma qed jilmentaw illi ġew ġudikati darbtejn, ossija talli naqsu milli jgħaddu dokumentazzjoni jew jirrispondu għal domandi li sarulhom fit-3 ta' Novembru 2014, dawna huma akkużi ċertament de minimis meta mqabbla mal-gravita' tal-akkużi l-oħra illi għalihom huma nstabu lkoll ħatja.*

*55. Għalhekk, tenut kont tal-fatt illi r-rikorrenti kienu ben a korrent ta' dak illi kienu nstabu ħatja fid-29 ta' Settembru 2016, kif ukoll għan-natura de minis tal-akkuża illi dwarha huma qed jilmentaw, il-Qorti ma għandha ebda diffikulta tikkonkludi illi kien nuqqas esklussiv tar-rikorrenti illi huma ma qajjmux l-ilment tagħhom quddiem il-Qrati illi kienu qed jiġġudikawhom, w tqis illi t-tentattiv illi qed isir issa huwa illi jagħmel użu minn tali nuqqas amministrattiv sabiex jaħarbu minn deċiżjoni illi ġiet mogħtija fil-konfront tagħhom.*

*56. Għaldaqstant, il-Qorti tqis illi ladarba r-rikorrenti naqsu milli jużaw ir-rimedju ordinarji mogħti lilhom waqt il-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u/jew il-Qorti tal-Appell Kriminali, huma ma jistgħux issa*

*jinqdew b'din il-kawża kostituzzjonali sabiex jippruvaw jirrimedjaw għall-iżball tagħhom. Ċertament, kieku din il-Qorti tippermetti dan li jsir, hija tkun qiegħda tippermetti li l-istitut tal-kawżi kostituzzjonali jibqa' jiġi abbużat filwaqt illi l-proċeduri ordinarji jiġu mnaqqsa fl-iskop u fil-valur tagħhom.*

*57. Għalhekk, din il-Qorti tħoss illi huwa xieraq u ġust illi, f'dan il-każ, tilqa' t-tieni eċċezzjoni ta' l-intimati u tagħżel li ma tinqediex bis-setgħat lilhom mogħtija taħt il-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Kap 319, la darba r-rikorrenti ma ħadux ħsieb illi jinqdew, kif imiss, mir-rimedji mogħtija lilhom fil-Liġi.*"

7. Fis-6 ta' Marzu, 2025 l-atturi appellaw mis-sentenza, filwaqt li l-konvenuti wieġbu fis-17 ta' Marzu, 2025.

8. Ir-rikors tal-appell tal-atturi prinċipalment fih referenza għall-ġurisprudenza tal-qrati Maltin dwar il-*proviso* tal-Art. 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-*proviso* tal-Art. 4(2) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319). L-atturi jsostnu li:

i. Il-prinċipju ta' *ne bis in idem* hi ta' ordni pubbliku u l-Qrati Kostituzzjonali ma jistgħux jirrifjutaw li jeżerċitaw is-setgħat mogħtija lilhom bil-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni.

ii. Kienet biss suppożizzjoni tal-Ewwel Qorti li l-atturi xjentement ma tawx l-eċċezzjoni ta' *ne bis in idem*.

iii. Il-prosekuzzjoni kellha d-dover li tiżgura li fil-proċeduri kriminali ma kienx hemm ksur tal-prinċipju *ne bis in idem*. Minn dak li xehed is-

Supt. Joseph Busuttil, hu evidenti li l-prosekuzzjoni kienet taf dwar il-kawża EP658/2014.

iv. F'kawża ta' din ix-xorta, id-diskrezzjoni għandha tiġi eżerċitata fl-aħjar interess tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja.

v. L-atturi qalu wkoll li skontaw diġà nofs il-piena ta' priġunerija u dan il-fatt isaħħaħ it-teżi tagħhom li d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti kellha tiġi applikata b'mod eċċezzjonali.

Konsiderazzjoni tal-Qorti.

9. Skont l-Art. 4 tal-Protokoll 7 tal-Konvenzjoni Ewropea, ħadd m'għandu jiġi proċessat jew kastigat għal darb'oħra fi proċedimenti kriminali għal reat li dwaru jkun ġie finalment liberat jew misjub ħati skont il-liġi. Tista' tgħid l-istess prinċipju jinsab fl-Art. 39(9) tal-Kostituzzjoni, b'dan li f'dak il-każ hi l-persuna li trid turi li tkun diġà għaddiet proċeduri kriminali quddiem qorti.

10. L-Art. 527 tal-Kodiċi Kriminali stess jipprovdi li wara sentenza li f'kawża tillibera imputat jew akkużat ma jistax għall-istess fatti jkun suġġett għal kawża oħra. Dispożizzjoni li tiġi applikata wkoll fejn l-imputat ikun instab ħati.

11. Il-kwistjoni f'dan l-appell hi dwar jekk l-atturi kellhomx mezzi xierqa ta' rimedju skont xi liġi oħra, għall-allegat ksur tal-prinċipju *ne bis in idem*.

12. M'hemmx dubju li wara li ngħatat is-sentenza fl-ewwel każ, ma kien hemm xejn x'iżomm lill-konvenuti li fit-tieni kawża jagħtu l-eċċezzjoni ta' *ne bis in idem*. Madankollu ma tawhiex. Provi dwar x'kienet ir-raġuni għalfejn dik l-eċċezzjoni ma tressqitx. Kif osservat l-Ewwel Qorti meta fid-29 ta' Settembru 2016 l-atturi ammettew l-imputazzjoni fil-kawża 658/2014 u kienu ikkundannati multa ta' €250, kienu jafu li dik l-istess imputazzjoni kienet waħda minn oħrajn fil-każ 1128/2014. Wieħed irid isemmi wkoll li s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ingħatat fil-21 ta' Marzu 2022. Ifisser li l-atturi kważi kellhom ħames snin sħaħ biex jagħtu l-eċċezzjoni fir-rigward ta' dik l-imputazzjoni. Saħansitra, l-attur Bin Han kellu iktar żmien għaliex appella mis-sentenza tal-Ewwel Qorti. *Inoltre*, ma jirriżultax li kien hemm xi impediment għall-atturi sabiex jagħtu dik l-eċċezzjoni. L-atturi kienu matul il-proċess kollu assistiti minn avukat ta' fiduċja tagħhom. Mill-atti lanqas ma jirriżulta li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u l-Qorti tal-Appell Kriminali kienu infurmati bil-każ EP658/2014. Li l-atturi jippuntaw subgħajhom lejn il-prosekuzzjoni, mhijiex raġuni li tista' twassal lil din il-Qorti biex twarrab id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti. Dan iktar u iktar meta tqis li kien hemm żmien meta ż-żewġ kawżi kienu *sub judice* fl-istess żmien. L-atturi, kieku riedu, altru milli kienu fl-aħjar pożizzjoni li jagħtu l-

eċċezzjoni hekk kif ġiet deċiża EP658/2014 fuq ammissjoni tagħhom. Altru milli kien rimedju ordinarju li kien aċċessibbli għall-atturi.

13. Il-Qorti tistqarr li fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ l-Ewwel Qorti għamlet sew meta għażlet li tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont l-Art. 46(2), meta tqis li l-atturi altru milli kellhom kull opportunità li waqt il-proċeduri kriminali jagħtu l-eċċezzjoni ta' *ne bis in idem*. Il-liġi kriminali tiggarantixxi l-jedd lill-atturi li jressqu dik l-eċċezzjoni, u minkejja li l-proċeduri kriminali damu pendenti s-snin, ma tawx l-eċċezzjoni. Il-Qorti żżid tosserva wkoll li f'dan il-każ jirriżulta li:

i. Hu fatt li t-taħrika li ħarġet il-pulizija eżekuttiva EP658/14) fuq talba tad-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjiegi fiha imputazzjoni li taqra l-istess bħall-imputazzjoni numru 14 tal-kawża kriminali l-oħra (1128/2014) deċiża wara l-proċedura EP658/14. Għalhekk jidher li titratta dwar l-istess reat (ara l-Artikoli 43(8) u 45 tal-Att dwar l-Impjiegi u Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 452).

ii. Il-każ 1128/2014 kien fih imputazzjonijiet ferm iktar serji, ċjoè traffikar ta' persuni, miżapproprijazzjoni u nuqqas ta' ħlas ta' salarji u benefiċċji oħra lil disa' impjegati ta' Leisure Clothing Limited. Qalet sew li l-imputazzjoni fil-każ EP658/2014 hi *de minimis* meta paragunata mal-imputazzjonijiet ferm serji fil-każ l-ieħor.

iii. L-imputazzjoni numru 14 tirreferi għal dak li ġara fit-3 ta' Novembru 2014, filwaqt li l-imputazzjonijiet l-oħra jirreferu għal fatti li ġraw fid-29 ta' Ottubru 2014 u s-snin ta' qabel. Il-fatti li jirrelataw għal dak li ġara fid-29 ta' Ottubru 2014 u s-snin ta' qabel ma setgħu qatt waħedhom iwasslu għall-imputazzjoni numru 14 li għandha x'taqsam ma' fatti li ġraw fit-3 ta' Novembru 2014. It-traffikar ta' persuni għal skop ta' xogħol sfurzat u misaproprijazzjoni ma kellhom x'jaqsmu xejn mal-imputazzjoni relatata mat-3 ta' Novembru 2014 li għandha x'taqsam man-nuqqas ta' għoti ta' tagħrif lill-ispetturi tad-DIER.

iv. Mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali għalkemm l-atturi nstabu ħatja tal-imputazzjoni numru 14, ma jirriżultax li ġew kundannati għall-piena li tikkontempla l-liġi, li hi multa (Art. 45(1) tal-Att dwar l-Impjiegi u Relazzjonijiet Industrijali, Kap. 452). L-atturi ngħataw piena ta' priġunerija ta' sitt snin il-wieħed. L-imputazzjoni ta' traffikar ta' persuni waħedha kienet iġġorr piena sa 12-il sena priġunerija (Art. 248A tal-Kodiċi Kriminali). Fil-fatt għall-finijiet ta' piena l-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk, *"In considering the punishment to be inflicted the Court will take into consideration the punishment applicable at the time of commission of the most serious offence offence of human trafficking as amended by Act XVIII of 2013, being that of imprisonment between 4 to 12 years, both accused being found guilty also of the offence of*

*misappropriation and face the sanction of the law with regards to a violation of Chapter 452 of the Laws of Malta, all offences being committed in their continuous form"*.

14. Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet, il-qorti ser tiċħad l-appell tal-atturi.

Deċiżjoni.

Tiċħad l-appell tal-atturi bl-ispejjeż kontrihom.

Mark Chetcuti
Prim Imħallef

Giannino Caruana Demajo
Imħallef

Anthony Ellul
Imħallef

Deputat Reġistratur
da